Nru./No. 21,430
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 29 ta' April, 2025
Tuesday, 29th April, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 5885
Government Notices *5885*

Avviżi tal-Pulizija ..... 5885 - 5886
Police Notices ..... *5885 - 5886*

Avviżi lill-Baħħara ..... 5886 - 5887
Notices to Mariners ..... *5886 - 5887*

Avviżi tal-Qorti ..... 5887 - 5888
Court Notices ..... *5887 - 5888*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 686

ATT XXI TAL-1991 DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354) U ATT XVI TAl-2003 DWAR L-ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Reġistri Elettorali

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 33 tal-Att tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, kif emendat bl-Att XV tal-1996, qed jiġi ppubblikat ir-Reġistru Elettorali rivedut ma' din il-Gazzetta.

Qiegħed jiġi ppubblikat mal-istess Gazzetta, skont l-artikolu 13 tal-Att tal-2003 dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, ir-Reġistru Elettorali tal-Unjoni Ewropea.

Id-29 ta' April, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 92

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Mejju, 2025 mis-7.00 p.m. sal-10.00 p.m., minn Triq il-Vitorja, Triq il-Kbira Ħas-Sajjied, Triq San Kostantinu, Triq is-Salib Imqaddes, Triq John Borg, Triq il-Bwieraq, Triq il-Kbira u Pjazza Sant'Elena.

Nhar is-Sibt, 3 ta' Mejju, 2025 mit-8.30 a.m. sal-10.30 a..m, minn Triq Brared, Triq il-Kbira, Triq Sant'Elena u Pjazza Sant'Elena.

Nhar is-Sibt, 3 ta' Mejju, 2025 mis-6.30 p.m. sal-11.00 p.m., minn Triq il-Wied.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

Ħal Għaxaq

Mis-7.00 a.m. tal-Ġimgħa, 9 ta' Mejju, 2025 sat-3.00 a.m. tas-Sibt, 10 ta' Mejju, 2025, mis-7.00 a.m. tas-Sibt, 10 ta' Mejju, 2025 sat-3.00 a.m. tal-Ħadd, 11 ta' Mejju, 2025 u mis-7.00 a.m. tal-Ġimgħa, 16 ta' Mejju, 2025 sat-3.00 a.m. tas-Sibt, 17 ta' Mejju, 2025 minn Vjal il-Labour mill-convenience sal-mużew u Triq il-Barbazzall.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

GOVERNMENT NOTICES

No. 686

GENERAL ELECTIONS ACT XXI , 1991 (CAP. 354) AND ACT XVI OF 2003 FOR ELECTIONS TO THE EUROPEAN PARLIAMENT (CAP. 467)

Electoral Registers

IN accordance with the provisions of section 33 of the General Elections Act 1991, as amended by Act XV of 1996, a revised Electoral Register is published with this Gazette.

Also being published with this Gazette, according to section 13 of the European Parliament Elections Act, 2003, is the European Union Electoral Register.

29th April, 2025

POLICE NOTICE

No. 92

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Friday, 2nd May, 2025 from 7.00 p.m. to 10.00 p.m., through Triq il-Vitorja, Triq il-Kbira Ħas-Sajjied, Triq San Kostantinu, Triq is-Salib Imqaddes, Triq John Borg, Triq il-Bwieraq, Triq il-Kbira and Pjazza Sant'Elena.

On Saturday, 3rd May, 2025 from 8.30 a.m. to 10.30 a.m., through Triq Brared, Triq il-Kbira, Triq Sant'Elena and Pjazza Sant'Elena.

On Saturday, 3rd May, 2025 from 6.30 p.m. to 11.00 p.m., through Triq il-Wied.

Closure of streets will take place as required and public transport will not be diverted.

Ħal Għaxaq

From 7.00 a.m. of Friday, 9th May, 2025 to 3.00 a.m. of Saturday, 10th May, 2025, from 7.00 a.m. of Saturday, 10th May, 2025 to 3.00 a.m. of Sunday, 11th May, 2025 and from 7.00 a.m. of Friday, 16th May, 2025 to 3.00 a.m. of Saturday, 17th May, 2025 through Vjal il-Labour from the convenience shop to the M.U.S.E.U.M. and Triq il-Barbazzall.

Public transport will not be affected.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Id-29 ta' April, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 49 tal-2025

Operazzjoni ta' Servizz ta' Trasport Kummerċjali tal-Passiġġieri lejn Blue Lagoon, Kemmuna

Qed issir referenza għall- Port Notice 3 tal-2025 tal-25 ta' April, 2025.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, qed jiġbed l-attenzjoni tal-baħħara u s-sidien ta' bastimenti li jkunu ġew awtorizzati għall-Operazzjoni ta' Servizz ta' Trasport Kummerċjali tal-Passiġġieri lejn Blue Lagoon, Kemmuna fil-Port Notice 3 tal-2025, li jista' jinstab fuq il-websajt ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-kaptana tal-bastimenti awtorizzati għandhom jiżguraw li qabel jersqu lejn iż-żona tal-Blue Lagoon, bil-għan li jinżlu l-passiġġieri tagħhom l-art, għandhom l-ewwel jitolbu l-approvazzjoni mill-Maritime Enforcement Unit, li konsegwentement se jamministra t-traffiku kif xieraq u jikkoordina l-irmiġġ tal-bastimenti.

Bastimenti li għandhom abbord passiġġieri li se jkunu qed jiżbarkaw, li jkollhom il-kodiċi QR meħtieġ, għandhom jiżguraw li l-passiġġieri jitħallew jiżbarkaw BISS abbażi tal-islot li jkun ġie bbukkjat permezz tal-AMS. Il-passiġġieri jitħallew jiżbarkaw biss mhux aktar kmieni minn 30 minuta qabel il-ħin li jkun ġie bbukkjat permezz tal-AMS, tali Kaptani tal-bastiment għandhom jieħdu nota, fl-interess li jiġi żgurat approċċ koordinat.

Passiġġieri li ma xtrawx kodiċi QR mil- Access Management System (AMS) għall-ħin partikolari jew xtraw wieħed għal ħin differenti ma jitħallewx jinżlu l-art.

Baħħara, operaturi u sidien tal-bastimenti huma mfakkra biex jiżguraw konformità mal-Awtoritajiet kollha tal-Infurzar, inkluż it-Taqsima tal-Infurzar Marittimu li se tkun qed timmaniġġja u tikkoordina t-traffiku tal-bastimenti fiż-żona.

Il-baħħara kollha huma avżati biex iżommu ħarsa qawwija, jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa (No Wake) meta jidħlu u jinnavigaw fil-Blue Lagoon. Għandhom jikkonformaw mal-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet maħruġa fuq l-istazzjon VHF 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar fuq il-post.

Id-29 ta' April, 2025

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

29th April, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 49 of 2025

Operation of Commercial Passenger Transport Service to Blue Lagoon, Comino

Reference is being made to Port Notice 3 of 2025 dated 25th April, 2025.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, is bringing the following to the attention of mariners and owners of vessels which have been authorised for the Operation of Commercial Passenger Transport Service to Blue Lagoon, Comino in Port Notice 3 of 2025, which can be found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The masters of the authorised vessels are to ensure that prior to approaching the Blue Lagoon area, for the purpose of disembarking their passengers ashore, are to first request clearance from the Maritime Enforcement Unit, who will consequently manage traffic accordingly and coordinate the berthing of vessels.

Vessels which have on board passengers who will be disembarking, holding the required QR code, are to ensure that passengers are ONLY allowed to disembark basis the slot that has been booked through the AMS. Passengers will only be allowed to disembark not earlier than 30 minutes before the time slot that has been booked through the AMS, as such Masters of vessel are to take note, in the interest of ensuring a coordinated approach.

Passengers that have not purchased a QR code from the Access Management System (AMS) for the particular time slot or purchased one for a different time slot will not be allowed to go ashore.

Mariners, operators and owners of vessels are reminded to ensure compliance with all Enforcement Authorities, including the Maritime Enforcement Unit who will be managing and coordinating vessel traffic in the area.

All mariners are advised to keep a sharp lookout, navigate with caution and at slow speed (No Wake) when entering and navigating within the Blue Lagoon. They are to comply with instructions and directions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any enforcement officers on site.

29th April, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 50 tal-2025

Xogħlijiet ta' tindif u tiswija fuq ix-xatt u taħt l-ilma fil-Ponta ta' Tigné

Id-Direttorat tal-portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali li xogħlijiet ta' tindif, u tiswija fuq ix-xatt u taħt il-baħar fil-Ponta ta' Tigné, se jsiru fiż-żona ffurmata billi jingħaqdu A sa B u x-xatt intermedju, kif muri bl-aħmar fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Ix-xogħlijiet min-crane-barge se jibdew b' seħħ immedjat u mistennija jitlestew sas-Sibt, 2 ta' Awwissu, 2025.

Se titpoġġa silt curtain mill-punti A sa B kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). Distanza ta' sigurtà, ta' mill-inqas 10m mis-silt curtain, għandha tinżamm f'kull ħin.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 54'.506	14° 30'.714
B	35° 54'.496	14° 30'.722

Ix-xogħlijiet se jsiru bl-użu ta' crane-barge li jkun irmiġġat iċċentrat fuq il-pożizzjoni li ġejja:

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35° 54'.506	14° 30'.732

Uħud mix-xogħlijiet se jsiru minn scuba divers li se jkunu qed juru l-International Code of Signals flag "A".

Il-baħħara u l-operaturi tal-bastimenti għandhom jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa (no wake) meta jkunu fil-viċinanza. Huma għandhom jikkooperaw mal-kuntrattur fuq il-post.

Il-baħħara għandhom jikkonformaw mal-istruzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS.

Chart affettwata: BA 177

Id-29 ta' April, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 50 of 2025

Clearing and repair works on the shore and underwater at Tigné Point

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners and the general public that clearing, repair works on the shore and underwater at Tigné Point, will be carried out within the area formed by joining A to B and the intermediate coastline, as shown in red on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The works from the crane-barge will commence with immediate effect and are expected to be completed by Saturday, 2nd August, 2025.

A silt curtain will be laid from points A to B as shown on the attached chart. A safety distance, of at least 10m from the silt curtains, shall be maintained at all times.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 54'.506	14° 30'.714
B	35° 54'.496	14° 30'.722

The works will be carried out with the use of a crane-barge which will be moored centred on the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 54'.506	14° 30'.732

Some of the works will be carried out by scuba divers who will be displaying the International Code of Signals flag "A".

Mariners and vessel operators are to navigate with caution and at slow speed (no wake) when in the vicinity. They are to co-operate with the contractor on site.

Mariners are to comply with instructions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS.

Chart affected: BA 177

29th April, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1112

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' April, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 261/2025 FDP, fl-ismijiet: 35 14 Capital SCC p.l.c. noe vs Ronald sive

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 24th of April, 2025, in the records of Sworn Application number 261/2025 FDP, in the names: 35 14

Aldo Abela et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: 35 14 Capital SCC plc (C105417) noe vs Ronald sive Aldo Abela (321160M) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-17 ta' Marzu, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skont l-artikolu 167 et sequitor tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-intimati Ronald sive Aldo Abela u Marija Violetta sive Violet Abela kisru t-terini u kundizzjonijiet tal-faċilitajiet bankarji maħruġa mis-soċjetà Bank of Valletta plc;

3. Tiddikjara lill-intimati Ronald sive Aldo Abela u Marija Violetta sive Violet Abela flimkien u in solidum debituri vera, ċerti u likwidi tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' tliet mija u tlieta u tmenin elf, seba' mija u tletin ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€383,730.27), oltre l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) sad-data tal-pagament effettiv;

4. Tordna u tikkundanna lill-intimati Ronald sive Aldo Abela u Marija Violetta sive Violet Abela jħallsu lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' tliet mija u tlieta u tmenin elf, seba' mija u tletin ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€383,730.27), oltre l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 261/2025 FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-13 ta' Ġunju, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Ronald Abela (321160M), Grosvenor House, Flat 1, Triq is-Sagħtar, Mellieħa Heights, Il-Mellieħa

Violet Abela (171865M), Grosvenor House, Flat 1, Triq is-Sagħtar, Mellieħa Heights, Il-Mellieħa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' April, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Capital SCC p.l.c. noe vs Ronald sive Aldo Abela et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: 35 14 Capital SCC plc (C105417) noe vs Ronald sive Aldo Abela (321160M) et presented in the Civil Court, First Hall on the 17th of March, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Grant the applicant society's claim and gives judgment with the dispensation of the hearing of the case in accordance with article 167 et sequitor of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Declare that the respondents Ronald sive Aldo Abela and Marija Violetta sive Violet Abela have breached the terms and conditions of the banking facilities issued by the company Bank of Valletta plc;

3. Declare the respondents Ronald sive Aldo Abela and Marija Violetta sive Violet Abela jointly and severally true, certain and liquidated debtors of the applicant company in the amount of three hundred and eighty-three thousand, seven hundred and thirty euro and twenty-seven cents (€383,730.27), plus interest at the rate of eight percent (8%) until the date of effective payment;

4. Order and sentence the respondents Ronald sive Aldo Abela and Marija Violetta sive Violet Abela to pay to the applicant society the amount of three hundred and eighty-three thousand, seven hundred and thirty euro and twenty-seven cents (€383,730.27), plus interest at the rate of eight percent (8%) until the date of effective payment;

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application number 261/2025 FDP in the above-mentioned names is adjourned to the 13th of June, 2025, at 9.30 a.m.

Notify Respondents: Ronald Abela (321160M) – Grosvenor House, Flat 1, Triq is-Sagħtar, Mellieħa Heights, Mellieħa

Violet Abela (171865M), Grosvenor House, Flat 1, Triq is-Sagħtar, Mellieħa Heights, Mellieħa

Registry of the Superior Courts, today 29th April, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603